MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 14/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Pierre Gravina**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Pierra Gravina talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Novembru, 1999 u fit-tlett xhur ta' qabel, f'Hal-Tarxien u f'bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi, (**2**) kellu fil-pusses tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u (**3**) talli kkommetta dawn ir-reati f'post fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, centru taz-zghzagh jew post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-Kap. 101;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Pierre Gravina mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu hmistax-il (15) xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull periodu li listess Gravina "ghamel taht arrest preventiv";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Pierre Gravina, minnu ppresentat fid-29 ta' Jannar, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx tistrieh fuq id-dikjarazzjoni guramentata ta' certu Concetto Mentosa peress li l-appellant qatt ma kellu l-opportunita` li jikkontrolla tali dikjarazzjoni stante li dan Mentosa qatt ma gie prodott il-qorti biex jixhed. It-tieni aggravju hu, bazikament, fis-sens li ma kienx hemm prova dwar l-ispacc tad-droga peress li huwa (cioe` l-appellant, allura imputat), fil-qorti, irritratta dik il-parti ta' l-istqarrija fejn kien ammetta li kien biegh l-erojina. Imbghad it-tielet aggravju huwa dwar il-piena.

L-ewwel aggravju jirrigwarda, kif inghad, l-istqarrija guramentata ta' Concetto Mentosa. Din l-istqarrija, li dana Mentosa rrilaxxja fit-12 ta' Novembru, 1999, giet konfermata bil-gurament f'dik l-istess gurnata quddiem Magistrat. Din l-istqarrija guramentata ingiebet mill-prosekuzzjoni bhala prova presumibbilment in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 30A[1] tal-Kap. 101. L-imsemmi Mentosa kien lehaq telaq minn Malta fid-data meta l-Pulizija Ezekuttiva ddecidiet li tressaq lil Gravina akkuzat

[1] 30A: "Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat u kull xiehda moghtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament, u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."

fil-qorti (l-appellant tressaq akkuzat fis-27 ta' Frar, 2001). L-appellant jaghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni (li huwa sostanzjalment simili ghall-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea). Din il-Qorti, naturalment, mhix imsejjha biex tiddetermina jekk l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 jikkonformax o meno mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea appena msemmija; dak li din il-Qorti hi msejjha biex taghmel hu semplicement li tara jekk, fil-kaz *de quo*, l-istqarrija guramentata ta' l-imsemmi Mentosa setghetx legalment tingieb bhala prova kontra l-appellant.

Issa, huwa principju generali li *"…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce"* (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[2] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun

[2] 661: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

jista’ jikkontroezaminah dawrha. S’intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista’ tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista’ xorta wahda, wara li jkun sema’ lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta’ kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F’dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza ***Kostovski v. Netherlands*** (20 ta’ Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta’ akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu

**does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.**[3]

Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista’ jsir f’kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista’ tinstab, jew ma jkunx ragonevolment

[3] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji[4]. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi akkolt.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti tara li l-appellant m'ghandux ragun. Anke meta wiehed jiskarta kompletament l-istqarrija guramentata ta' Mentosa, din il-Qorti tara li kien hemm provi aktar milli sufficenti li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet legalment u ragonevolment tikkonkludi li l-appellant kien verament ittraffika l-erojina. L-istqarrija maghmula mill-appellant lill-pulizija u konfermata jumejn wara quddiem Magistrat ma giet b'ebda mod skossa mill-allegazzjoni ta' l-appellant (fol. 79-81) li hu kien ammetta li kien biegh id-droga ghax "beza'" jew li l-pulizija kienu qalulu li jekk jghin huma jghinuh. Sinjifikanti hija c-cirkostanza korroboranti tat-telefonata li waslet fuq il-*mobile phone* ta' l-appellant meta l-appellant kien arrestat u dan il-*mobile phone* kien diga fil-pussess tal-pulizija. Kif xehed PC 1044 Gordon Calleja (fol. 62) min cempel qal "Voglio comprare della roba". L-imsemmi kuntistabbli ftiehem biex jiltaqa' ma' din il-persuna dak il-hin stess fil-post fejn din il-persuna qaltlu li kienet, u cioe` hdejn il-Paramount Garage, Hal-Tarxien.

---

[4] Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smigh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kienux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth ***Human Rights and Criminal Justice*** Sweet & Maxwell (London) 2001: "What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in *Ludi v. Switzerland* the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explianed by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in *Artner v. Austria*, where the witness had gone missing and was untraceable; or in *Asch v. Austria*, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in *Van Mechelen v. Netherlands*, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).

Dan il-post jissemma' mill-istess appellant fl-istqarrija guramentata tieghu bhala wiehed mill-postijiet fejn huwa kien jispacca d-droga (ara fol. 29). Effettivament ftit hin wara gie arrestat Mentosa minn *telephone booth* hdejn l-imsemmija remissa kif dana rega' cempel fuq l-istess *mobile phone*. Din il-Qorti frankament ma tistax tifhem kif, galadarba l-ewwel qorti accettat l-istqarrija guramentata ta' l-appellant bhala li tikkontjeni l-verita` ghaddiet biex illiberatu mit-tieni imputazzjoni. Mill-istqarrija jidher car li biex jitraffika l-erojina l-appellant kellu pussess materjali tad-droga. Il-fatt li d-droga effettivament ma nstabitx mill-pulizija ma kienitx raguni valida biex l-appellant jigi liberat mit-tieni imputazzjoni. Pero` galadarba l-prosekuzzjoni ma appellatx din il-Qorti ma tista' taghmel xejn dwar din it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena ftit li xejn hemm xi tghid. Din il-piena hi entro l-parametri tal-ligi – hi zbaljata biss in kwantu l-ewwel qorti naqset milli tapplika wkoll il-piena pekunjarja li kienet tassattiva (Art. 22(2)(b)(i), Kap. 101), pero` anke hawn il-prosekuzzjoni ma appellatx kif kellha dritt taht l-Artikolu 33 tal-Kap. 101. Il-fatt li l-fedina penali ta' l-appellant hija nadifa ma jirrendix il-piena erogata b'xi mod wahda eccessiva. L-appellant jghid li l-ewwel qorti kellha tapplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Din il-Qorti, pero`, kellha diga okkazzjoni tosserva f'diversi sentenzi taghha li t-tnaqqis kontemplat fl-imsemmi Artikolu 29 ikun applikabbli mhux meta dak li jkun jaqbad u jsemmi isem ta' persuna bhala l-persuna li minghadha jkun xtara d-droga – haga li f'dan il-kaz l-appellant anqas ghamilha ghax kullma jghid fl-istqarrija tieghu hu li kien jixtri minghand persuna li ma jafx x'jisimha u anqas fejn toqghod izda kien jaf biss fejn hu l-garaxx taghha – izda meta jirrizulta li l-imputat ikun effetivament ghen lill-pulizija <u>biex taqbed</u> lill-persuna li tkun ipprovditilha d-droga. F'dan il-kaz dan ma jirrizultax mill-atti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---------------------------------TMIEM---------------------------------